# QORTI TAL-APPELL

**IMĦALLFIN**

**ONOR. JOSEPH AZZOPARDI LL.D. – PRESIDENT**

**ONOR. JOSEPH R. MICALLEF LL.D.**

**ONOR. TONIO MALLIA LL.D.**

**Seduta ta' nhar il-Ġimgħa, 27 ta' Marzu, 2020**

**Kawża Numru 11**

**Rikors numru 540/12SM**

Raymond **CUTAJAR**

vs

**SLIPFORM ENGINEERING INTERNATIONAL LIMITED (C – 14284)**

**Il-Qorti:**

1. Dan huwa appell imressaq mill-attur minn sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit-13 ta' Novembru, 2014, (minn issa 'l hemm imsejħa "s-sentenza appellata") li biha u għar-raġunijiet hemm imfissra, ċaħdet it-talbiet tiegħu għall-kundanna tal-kumpannija mħarrka għall-ħlas tas-somma ta' mija u elf sitt mija u erbgħin euro u disgħa u sittin ċenteżmi (€ 101,640.69) import ta' servizzi mogħtijin minnu lill-istess kumpannija fuq medda ta' żmien, bl-ispejjeż kontrih;

2. Dik il-Qorti waslet għad-deċiżjoni tagħha wara li għamlet dawn il-kunsiderazzjonijiet:

"*9.0 Illi l-fatti kif esposti mir-rikorrenti jistghu jigu esposti bil-mod segwenti:*

*"9.1. Illi l-professjoni tar-rikorrenti hi dik ta' mekkanik u jahdem fil-magni tal-karozzi u tal-ingenji kbar, (ara foll 76);*

*"9.2 Illi wara kuntatti preliminari istigati mir-rikorrenti, hu intalab mis-socjeta` intimata biex jibda jipprovdi is-servizzi tieghu tal-ingenji li kellu, (ara foll 76);*

*"9.3 Illi ghalhekk, fl-2006, ir-rikorrenti gie mitlub mis-socjeta` intimata biex jikrilha trakkijiet specjalizzati, ghall-prezz pattwit bejn ir-rikorrenti u Graham Elliot ghas-socjeta` intimata, (ara foll 76);*

*"9.4 Illi r-relazzjoni preliminari hekk stabbilita kompliet tikber billi r-rikorrenti intalab ukoll jipprovdi aktar servizzi lill-istess socjeta` fosthom kiri ta' gafef, cherry pickers u ohrajn, (ara foll 76);*

*"9.5 Illi sahansitra r-rikorrenti jsostni li l-imsemmi Elliot, (ara paragrafu numru disgha punt tlieta, (9.3.), aktar qabel), kompla dejjem iqabbdu kull tip ta' xoghol u kien ihalli f'idejh biex jipprovdi dak kollu li jkun hemm bzonn, (ara foll 76);*

*"9.6 Illi fejn ma kienx jasal ir-rikorrenti, kien ikun l-istess rikorrenti li jissubappalta ix-xoghol, (ara foll 76);*

*"9.7 Illi f'dan il-kaz ta' subappalt, il-pagament lis-subappaltaturi kien isir mir-rikorrenti li min-naha tieghu kien sussegwentement johrog fattura tal-istess lis-socjeta` intimata biex jigi rifuz l-ammont li jkun hekk hareg, (ara foll 76);*

*"9.8 Illi matul iz-zmien il-fiducja tas-socjeta` intimata fir-rikorrenti kibret, (ara foll 76);*

*"9.9 Illi dan wassal lir-rikorrenti biex jigi fdat b'aktar xoghol mis-socjeta` intimata fosthom:*
*"9.9.1 Servizz ta' tindif, fost l-ohrajn, ta' twieqi;*
*"9.9.2 Kiri tal-apparat u tal-vetturi;*
*"9.9.3 Trasport ta' varji oggetti;*
*"9.9.4 Stallazzjoni ta' makkinarju, (ara foll 76);*

*"9.10 Illi in effetti l-istess Elliot fuq indikat jidher li hareg ukoll struzzjonijiet biex f'kaz li jinqala` xoghol mhux ippjanat, l-ewwel li kellu jigi ikkonsultat kellu jkun ir-rikorrenti, (ara foll 76);*

*"9.11 Illi fix-xoghol tieghu fl-imsemmija lukanda operata mis-socjeta` intimata, ir-rikorrenti kien jinvesti hinijiet twal, (ara foll 76);*

*"9.12 Illi jsostni wkoll li f'okkazzjoni minnhom irnexxielu jevita dizastru f'nofs ta' lejl, (ara foll 77);*

*"9.13 Illi ta' l-apparat li r-rikorrenti kien juza fix-xoghol tieghu a beneficcju tas-socjeta` intimata qatt ma talab hlas ghalih, (ara foll 77);*

*"9.14 Illi kien ukoll jiehu interess li s-socjeta` intimata ma tehilx spejjez zejda u inutili;*

*"9.15 Illi l-provista tal-energija fil-lukanda de quo hi rizultat tax-xoghol tar-rikorrenti, (ara foll 77);*

*"9.16 Illi kien hu li stalla l-generatur fost diffikultajiet kbar, (ara foll 77);*

*"9.17 Illi kien ukoll irregenera s-sistema tal-apparat tal-tifi tan-nar tal-istess lukanda, (ara foll 77);*

*"9.18 Illi tant inbniet relazzjoni fiducjarja profonda li:*
*"9.18.1 Ir-rikorrenti u martu gieli ppranzaw flimkien ma' l-imsemmi Elliot u l-mara tieghu, (ara foll 77);*
*"9.18.2 Inghata access ghal kull parti tal-lukanda erbgha u ghoxrin (24) siegha kuljum, (ara foll 77);*

*"9.19 Illi r-rikorrenti baqa` jigi inkarigat jespleta diversi inkarigi anke wara li l-istess lukanda kienet saret responsabbli hi stess ghal dan, (ara foll 78);*

*"9.20 Illi ghall-ahhar tal-2008 ir-rikorrenti kien gie ordnat johrog il-fatturi relattivi ghax-xogholijiet li kien jaghmel fil-lukanda de quo, (ara foll 78);*

*"9.21 Illi meta fethet il-lukanda in dizamina il-manutenzjoni, tindif ta' hgieg u tas-sistema tad-drenagg kie gie fdat f'idejn ir-rikorrenti, (ara foll 78);*

*"9.22 Illi s-socjeta` intimata kienet thallas lir-rikorrenti b'pagamenti perjodici on account izda kienu waqghu lura f'dawn il-pagamenti, (ara foll 78);*

*"9.23 Illi xi pagamenti dovuti lir-rikorrenti mis-socjeta` intimata kienu jsiru permezz ta' cekkijiet mahruga mill-Grand Hotel Excelsior Limited, (ara foll 78);*

*"9.24 Illi s-socjeta` intimata u l-lukanda de quo dejjem urew li kienu sodisfatti bis-servizzi lilhom moghtija mir-rikorrenti, (ara foll 78);*

*"9.25 Illi l-fatturi tar-rikorrenti kienu jinhargu lis-socjeta` intimata u lill-lukanda de quo, (ara foll 78);*

*"9.26 Illi l-istess Elliot fuq indikat kien iddecieda li fl-essenza tieghu minn Malta, kellu jkun l-istess rikorrenti li jiehu hsieb il-lukanda u ghalhekk inghata wkoll ir-responsabbilita` jiddeciedi hu meta tinqala` xi haga f'dawn ic-cirkostanzi, (ara foll 78);*

*"9.27 Illi fit-30 ta' Settembru, 2009, Elliot u r-rikorrenti kien iltaqghu biex jiddiskutu il-hlasijiet pendenti li s-socjeta` intimata kellha taghti lir-rikorrenti, (ara foll 78);*

*"9.28 Illi r-rikorrenti jsostni li dan Elliot wera ruhhu sorpriz meta sar jaf b'din il-morozita`, (ara foll 78);*

*"9.29 Illi Elliot assigura lir-rikorrenti li l-ammont lilu dovut kien ser jinghatalu, (ara foll 78);*

*"9.30 Illi r-rikorrenti kien inkreduli meta gie infurmat li kien hemm problemi rigwardanti il-hlasijiet lilu dovuti, (ara foll 78);*

*"9.31 Illi f'laqgha appozita li saret bejn ir-rikorrenti u rapprezentanti tas-socjeta` intimata kien intlahaq ftehim verbali bejn il-partijiet fis-sens li s-socjeta` intimata thallas lir-rikorrenti;*
*"9.31.1 Tnax -il elf u hames mitt Ewro, (€12,500.00), fix-xahar, (ara foll 79);*
*"9.31.2. Pagamenti mensili ohra ghal kull xoghol iehor, (ara foll 79);*

*"9.32 Illi munit b'tali ftehim ir-rikorrenti informa bl-istess lill-manager tal-bank tieghu, li min-naha tieghu ikkuntattja lis-socjeta` intimata fuq l-istess u kien mieghu ikkonfermat li s-socjeta` intimata kellha taghti l-flus lir-rikorrenti, (ara foll 79);*

*"9.33 Illi a bazi tal-istess assikurazzjoni r-rikorrenti kien ukoll inghata self mill-bank ta' fiducja tieghu, (ara foll 79);*

*"9.34 Illi sussegwentement il-kontendenti dahhlu f'fazi ta' korrispondenza li damet sejra bejn Dicembru, 2009 sa Gunju, 2010, (ara foll 79);*

*"9.35 Illi fl-20 ta' Novembru, 2010, Elliot u ir-rikorrenti iltaqghu biex jikkonkludu il-vertenza li zviluppat bejniethom fejn l-istess rikorrenti jsostni:*
*"9.35.1 Illi kien hemm qbil approssimattiv tal-amont pendenti favur ir-rikorrenti, (ara foll 80);*
*"9.35.2 Illi Elliot ippropona li l-pagament dovut isir billi l-ewwel ir-rikorrenti jinghata somma u l-kumplament jithallas mensilment, (ara foll 80);*

*"9.36 Illi nonostante dan kollu ma sar xejn min dak pattwit, (ara foll 80);*

*"9.37 Illi hemm zewg (2) laqghat ohra biex il-partijiet jippruvaw jaslu f'xi forma ta' transazzjoni, izda irrizultaw inutili, (ara foll 80);*

*"9.38 Illi ghalhekk ir-rikorrenti kien kostrett jintavola il-procedura odjerna, (ara foll 80);*

*"Ikkunsidrat:*

*"10.0 Illi l-posizzjoni tas-socjeta` intimata fir-rigward, kif indikata mid-direttur tal-istess, tista` tigi sintetikament esposta bil-mod segwenti:*

*"10.1 Illi x-xogholijiet kollha rezi necessarji fil-Grand Hotel Excelsior kienu r-responsabilita` tas-socjeta` intimata, (ara foll 164);*

*"10.2 Illi dawn ix-xogholijiet nbdew fl-2006 u tlestew fl-2007 meta giet inawgurata l-imsemmija lukanda, (ara foll 164);*

*"10.3 Illi fl-2008 l-imsemmi direttur ittermina l-involviment tieghu fix-xoghlijiet de quo u mar lura Hong Kong, (ara foll 164);*

*"10.4 Illi Elliot dam direttur tal-imsemmija socjeta` intimata mill-2006 sal-2010, (ara foll 164);*

*"10.5 Illi jaf li r-rikorrenti kien subappaltatur u kien jipprovdi diversi servizzi lis-socjeta` intimata, (ara foll 164);*

*"10.6 Illi fost affarijiet ohra r-rikorrenti kien jikri lis-socjeta` intimata makkinarji, jipprovdi materjal u jeffettwa xogholijiet, (ara foll 164);*

*"10.7 Illi r-rikorrenti kien jipprovdi servizz tajjeb u kien fdat hafna, (ara foll 165);*

*"10.8 Illi fil-perjodu bejn l-2006 u l-2007 ir-rikorrenti kien jithallas permezz ta' cekkijiet a bazi ta' fatturi minnhu pprezentati, (ara foll 165);*

*"10.9 Illi mill-2007 'il quddiem is-socjeta` intimata ma irceviet l-ebda fattura ohra ghalkemm kompliet thallas akkont lir-rikorrenti, (ara foll 165);*

*"10.10 Illi fl-2008 is-socjeta` intimata hallset akkont lir-rikorrenti l-ammont ta' mija u hamsa u ghoxrin elf Ewro, (€125,000.00);*

*"10.11 Illi d-direttur ikkoncernat kien isib diffikultajiet kbar biex jikkonvinci lir-rikorrenti jipprezenta l-fatturi necessarji biex ikunu jistghu jsiru il-pagamenti, (ara foll 165);*

*"10.12 Illi l-pagamenti dovuti mis-socjeta` intimata jsiru l-ewwel billi jingabru l-fatturi, u wara li dawn jigu verifikati fl-ufficcji taghhom f'Hong Kong u jigu hemm approvati, isir il-pagament dovut, (ara foll 165);*

*"10.13 Illi jikkonferma li saru diversi tentattivi biex jintlahaq ftehim, (ara foll 165);*

*"10.14 Illi sa fejn jaf l-istess direttur, wara li s-socjeta` intimata kienet hallset lir-rikorrenti tmint elef tmin mija u tnejn u tletin Ewro, (€8,832.00), xejn aktar ma jirrizulta li hu dovut lir-rikorrenti, (ara foll 165);*

*"10.15 Illi l-istess direttur isostni wkoll li l-istess socjeta` kienet hallset lir-rikorrenti l-ammont ta' mija u tletin elf Ewro, (€130,000.00), minghajr ma kienet fortifikata bil-fatturi rilevanti ghall-istess ammont, (ara foll 166);*

*"10.16 Illi wara insistenza kbira mis-socjeta` intimata fir-rigward, ir-rikorrenti ghaddiela fatturi li kienu jmorru lura sa l-2007, (ara foll 166);*

*"10.17 Illi s-socjeta` intimata qieset li dan kien l-ahhar ammont minnha dovut lir-rikorrenti, (ara foll 166);*

*"10.18 Illi fl-2007 is-socjeta` Grand Hotel Excelsior Limited kienet saret responsabbli ghall-manutenzjoni u tmexxija tal-lukanda flok is-socjeta` intimata, (ara foll 166);*

*"10.19 Illi konsegwentement ir-rikorrenti inghata struzzjonijiet biex mill-2008 jibda johrog il-fatturi f'isem il-Grand Hotel Excelsior Limited, (ara foll 166);*

*"10.20 Illi r-rikorrenti irrilaxxa fatturi ohra ghall-perjodu 2009 u 2010, u dawn kienu kemm f'isem il-Grand Hotel Excelsior Limited kif ukoll f'isem is-socjeta` intimata, (ara foll 166);*

*"10.21 Illi meta saru l-verifiki necessarji fuq l-istess fatturi instab li kien hemm konfuzjoni billi x'uhud kienu jirreferu ghal xoghol li sar fl-2007 u ohrajn ghall-perjodu 2008 u 2009, (ara foll 166);*

*"10.22 Illi di piu` irrizulta wkoll li xi fatturi kienu jirreferu ghall-materjal li kien gia` inkluz f'fatturi ohra, (ara foll 166);*

*"10.23 Illi peress li s-sitwazzjoni fir-rigward tal-operat tar-rikorrenti ma kienitx kristallina is-socjeta` intimata offriet ftehim bonarju lir-rikorrenti, (ara foll 166);*

*"10.24 Illi nonostante cio`, il-posizzjoni tas-socjeta` intimata hi li l-vertenza pendenti bejn il-kontendenti kienet giet finalizzata fl-2009, u konsegwentement m'ghandha taghti xejn lir-rikorrenti, (ara foll 166);*

*"Ikkunsidrat:*

*"11.0 Illi rigward l-eccezzjoni ta' natura preliminari sollevata mis-socjeta` intimata jinghad sintetikament is-segwenti:*

*"11.1 Illi l-eccezzjoni in dizamina hi bbazata fuq l-artiklu 2148 (a) tal-Kap 16 tal-Ligijiet fuq riferiti;*

*"11.2 Illi dan jistabbilixxi fost l-ohrajn li l-azzjonijiet ta' persuni li jahdmu sengha jew arti mekkanika, ghall-prezz tal-opri jew tax-xogholijiet taghhom, jew tal-materjal li jfornu, jaqghu bi preskrizzjoni ta' tmintax (18) -il-xahar;*

*"11.3 Illi ma' dan ghandu jkun pacifiku li japplika wkoll l-artiklu 2125 tal-istess Kap 16 fuq riferit li jistabilixxi li l-preskrizzjoni in dizamina tkun sospiza fil-kaz li jkunu ghaddejjin trattattivi jew negozjati bejn il-partijiet fir-rigward tal-vertenza ta' bejniethom;*

*"11.4 Illi minn ezami tal-fatti kif fuq sintetikament esposti jirrizulta li l-kontendenti kienu qed jinnegozjaw xi forma ta' ftehim bejniethom biex jikkonkludu din il-vertenza malajr mil-aktar fis;*

*"11.5 Illi tul dawn in-negozjati ma jirrizultax li inqabez il-perjodu stabbilit fl-artiklu 2148 (a) tal-Kap 16 fuq riferit;*

*"11.6 Illi konsegwentement din il-qorti ma tistax tqis li l-azzjoni odjerna hi preskritta;*

*"**Decizjoni fuq l-Eccezzjoni Preliminari:-***

*"12. Illi konsegwentement qed tirrespingi din l-eccezzjoni preliminari tas-socjeta` intimata, bl-ispejjez fir-rigward kontra l-istess socjeta`;*

*"Ikkunsidrat:*

*"13.0 Illi fuq il-mertu tal-vertenza odjerna ghandu sintetikament jinghad is-segwenti:*

*"13.1 Illi nonostante li d-direttur rapprezentanti is-socjeta` intimata jafferma li ghas-socjeta` tieghu hu meqjus li l-vertenza hi definittivament konkluza ghaliex fl-2009 l-istess socjeta` hallset dak kollu minnha dovut skont il-fatturi lilha pprezentati, (ara foll 166), xorta wahda jikkonferma li l-fatturi pprezentati mir-rikorrenti ma kienux rigorozament migbura u pprezentati u ghalhekk xorta offriet il-possibilita` li jintlahaq ftehim bonarju bejn il-partijiet, (ara foll 166);*

*"13.2 Illi fis-sottomissjonijiet skritti tieghu r-rikorrenti jsostni li "... mill-affidavits ta' Steve Galea u Raymond Cutajar johrog car li dan l-ammont huwa dovut", (ara foll 219);*

*"13.3 Illi f'dan ir-rigward jinghad sintetikament is-segwenti:*
*"13.3.1 Illi l-iSteve Galea indikat mir-rikorrenti fin-nota tieghu li joffri dik ic-certezza kollha fuq riferita rigwardanti l-ammont in dizamina u min minn hu dovut, in effetti lanqas biss jirrizulta li ta' d-deposizzjoni tieghu fl-atti ta' din il-procedura;*
*"13.3.2 Illi minflok, dak li jirrizulta hu li xhed certu Steve Cutajar, (ara d-dikjarazzjoni guramentata tieghu a (foll 94 u 95), li ghalkemm jelenka diversi mansjonijiet ezercitati mir-rikorrenti pero`, ma jirrilevax d-dettalji precizi ta' dak minnu sostenut u jaghti biss indikazzjonijiet approssimattivi;*
*"13.3.3 Illi l-istess ghandu jinghad fir-rigward tar-rikorrenti li ghalkemm hu wkoll jelenka d-diversi mansjonijiet li kellu fl-operat in dizamina pero` hu wkoll jonqos milli jaghti d-dettalji precizi biex jissosstanzja dak minnu allegat;*

*"Ikkunsidrat:*

*"14. Illi hu principju assodat li min jallega jrid jipprova – **"probatio onus petitoris"**;*

*"15. Illi in effetti kif stabbiliet il-**Qorti ta' l-Appell fil-kawza fl-ismijiet Joseph Zammit vs Joseph Hili, Volum XXXVII – I – 578:***

> *"Ma hux dubitat li r-regola generali hi li l- "onus probandi" hu fuq min jafferma fatt, u mhux fuq min jinnegah – "ei incumbit probatio qui dicit, non ei qui negat";*

*"16. Illi hawnhekk si tratta ta' relazzjoni li kienet tezisti bejn ir-rikorrenti u s-socjeta` intimata li permezz taghha r-rikorrenti ippresta d-diversi servizzi fuq ezawrjentement elenkati;*

*"17. Illi fir-rigward ir-rikorrenti qieghed jippretendi li ghandu jircievi s-somma minnu pretiza u vantata fir-rikors guramentat promotur, (ara foll 2);*

*"18. Illi pero` jonqos milli jipprezenta rendikont dettaljat u sodisfacenti li fuqu jkun jista` jistrieh biex isostni t-talba tieghu fir-rigward, mhux biss quddiem il-kontroparti izda wkoll quddiem din il-qorti li hi obbligata timxi u tiddeciedi skont il-ligi;*

*"19. Illi din il-qorti tifhem il-predikament tar-rikorrenti u tissimpatizza mieghu, pero` tinkombi fuqu, u fuq hadd aktar, li jissostanzja dak hawn minnu allegat – haga li ma tirrizultax;*

*"Ikkunsidrat:*

*"20.0. Illi ghaldaqstant, in vista tal-premess, din il-qorti ma tqisx li r-rikorrenti Raymond Cutajar ipprova l-kaz tieghu skont il-ligi, u konsegwentement*";

3. B'Rikors tal-Appell imressaq minnu fit-3 ta' Diċembru, 2014, l-attur (minn issa 'l hemm imsejjaħ "l-appellant") qal li kien iħossu aggravat u, għar-raġunijiet hemm imfissra, talab li din il-Qorti tħassar u tirrevoka s-sentenza appellata u, minflok, tgħaddi biex tilqa' t-talbiet tiegħu, tiċħad l-eċċezzjonijiet kolha tal-kumpannija mħarrka (minn issa 'l hemm imsejħa "l-appellata") u tikkundannaha tħallas l-ispejjeż taż-żewġ istanzi;

4. Fir-Risposta mressqa minnha fit-23 ta' Diċembru, 2014, l-appellata qalet li s-sentenza appellata jistħoqqilha konferma u li din il-Qorti għandha tiċħad l-appell bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-appellant billi ma huwiex il-kompitu ta' din il-Qorti li tissindika u tiddisturba d-diskrezzjoni tal-ewwel Qorti;

5. Semgħet it-trattazzjoni tal-appell waqt is-smigħ tat-3 ta' Diċembru, 2019;

6. Rat l-atti tal-kawża;

7. Rat li l-appell tħalla għas-sentenza;

***Ikkunsidrat:***

8. Illi l-qofol tal-kwestjoni bejn il-partijiet f'din il-kawża jintrabat mal-obbligu li parti f'kawża tipprova l-każ tagħha. Din il-kawża bdiet bħala azzjoni skond il-proċedura sommarja speċjali b'talba għall-ħlas ta' somma speċifika u fejn l-attur ħass li dak li kien jippretendi kien dejn li kien ċert, likwidu u li għalaq. Madankollu, il-każ ħa xejra oħra b'mod li, b'effett tal-kontestazzjoni tal-pretensjoni min-naħa tal-appellata, l-ewwel Qorti waslet għall-fehma li l-appellant naqas li jipprova kif imiss il-pretensjoni tiegħu;

9. Illi l-**aggravju** tal-appellant mis-sentenza appellata huwa, sewwasew, eżerċizzju maħsub biex juri li fl-atti tal-kawża huwa kien ressaq provi tajbin biżżejjed biex isostnu l-pretensjoni tiegħu u li l-ewwel Qorti naqset li tqis dawk il-provi billi għamlet apprezzament ħażin tagħhom. Huwa jressaq sensiela ta' xhieda li tressqu biex isostnu l-każ tiegħu u jistieden lil din il-Qorti biex tevawahom u tagħti l-fehma tagħha dwarhom;

10. Illi din il-Qorti tagħraf li l-qofol tal-appell imressaq quddiemha jistrieħ fuq l-kritika tal-proċess ta' apprezzament tal-provi magħmul mill-ewwel Qorti. Din il-Qorti ttenni li meta jitqajjem quddiemha aggravju ta' din l-għamla, hi tħares b'reqqa lejn l-istedina li tkun qiegħda ssirilha biex tagħmel il-valutazzjoni tagħha ta' dawk il-provi minflok dik tal-ewwel Qorti. Għalkemm din il-Qorti għandha tara u tifli dik il-valutazzjoni, m'għandhiex taqbad u twarrabha jekk ma jkunx hemm raġunijiet tabilħaqq serji biex tagħmel dan. Il-funzjoni ta' reviżjoni li trid tagħmel din il-Qorti ma jwasslux bilfors biex twarrab id-diskrezzjoni tal-eżerċizzju tal-apprezzament tal-provi li jkun sar mill-ewwel Qorti bħallikieku ma sar xejn. Għall-kuntrarju, jekk jirriżulta li l-apprezzament tal-provi li jkun sar mill-ewwel Qorti huwa wieħed sostnut mill-provi li jinsabu fl-atti, u li l-konklużjonijiet tas-sentenza appellata jkunu s-sinteżi tar-raġunament mibni fuq dawk il-provi u t-tħaddim xieraq tal-liġi dwarhom, din il-Qorti ma twaqqax dik diskrezzjoni;

11. Illi f'dan ir-rigward, ingħad kemm-il darba li r-regola hi li din il-Qorti ma tiddisturbax l-apprezzament tal-fatti magħmul minn qorti tal-ewwel grad jekk mhux f'ċirkostanzi eċċezzjonali jew meta jkun intwera li dak l-apprezzament ikun wieħed mhux raġonevoli jew mhux mibni fuq il-fatti

proċesswali[1]. Minkejja dan, huwa minnu wkoll li "*Il-Qorti tal-Appell għandha awtonomija sħiħa fl-apprezzament tal-fatti u għandha kull setgħa tinterpreta l-fatti mod ieħor minn kif tkun fehmithom qorti tal-ewwel grad. Huwa minnu illi fejn tidħol kredibilità ta' xhieda li l-ewwel qorti tkun semgħet viva voce qorti ta' reviżjoni ma hijiex sejra faċilment tiddisturba l-apprezzament li tkun għamlet l-ewwel qorti, u lanqas ma taqleb il-konklużjoni tal-ewwel qorti meta din tkun għażlet bejn żewġ possibiltajiet ta' interpretazzjoni ta' fatt li t-tnejn ikunu plawsibbli. Madankollu, il-Qorti tal-Appell għandha s-setgħa tikkorreġi kull apprezzament ta' fatt li jidhrilha li jkun żbaljat irrispettivament mill-gravità tal-iżball. Iżżid tgħid, anzi, li, aktar u aktar f'sistema bħal tagħna fejn jeżisti grad wieħed biss ta' appell, il-Qorti tal-Appell tkun qiegħda tonqos mid-dmir tagħha jekk tabdika mir-responsabilità tagħha li tagħmel apprezzament awtonomu tal-fatti*"[2];

12. Illi, minbarra dan, huwa stabbilit ukoll li f'każ fejn qorti jkollha quddiemha verżjonijiet li ma jaqblux ma' xulxin, jibqa' dejjem prinċipju tad-dritt li l-parti attriċi f'kawża għandha l-obbligu li tipprova kif imiss il-premessi għat-talbiet tagħha b'mod li, jekk tonqos li tagħmel dan, iwassal għall-ħelsien tal-parti mħarrka.[3] Il-fatt li l-parti mħarrka tkun ressqet verżjoni li ma taqbilx ma' dik imressqa mill-parti attriċi ma jfissirx li l-parti attriċi tkun naqset minn dan l-obbligu, għaliex jekk kemm-il darba l-provi ċirkostanzjali, materjali jew fattwali jagħtu piż lil dik il-verżjoni tal-parti attriċi, il-Qorti tista' tagħżel li toqgħod fuqha u twarrab il-verżjoni tal-parti mħarrka. Min-naħa l-oħra, il-fatt li l-parti mħarrka ma tressaqx provi tajba jew ma tressaq provi xejn kontra l-pretensjonijiet tal-parti attriċi, ma jeħlisx lil din milli tipprova kif imiss l-allegazzjonijiet u l-pretensjonijiet tagħha[4];

13. Illi huwa għalhekk li l-liġi torbot lill-parti f'kawża li tipprova dak li tallega[5] u li tagħmel dan billi tressaq l-aħjar prova[6]. Jiġri li mhux rari li ż-żewġ partijiet iressqu verżjonijiet għal kollox konfliġġenti ma' xulxin b'mod li l-waħda xxejjen 'il-oħra, iżda li t-tnejn jistgħu jitwemmnu, allura qagħda bħal din tgħin lill-parti mħarrka, fuq il-bażi tar-regola li *onus incumbit ei qui dixit*[7] u tar-regola proċedurali l-oħra li timxi magħha li *actore non probante reus absolvitur*.[8] Iżda, hawn ukoll, mhux kull konflitt fil-provi jew verżjonijiet imressqa quddiem qorti għandhom iwasslu għaċ-ċaħda tat-talbiet attriċi, għaliex il-kriterju li jsegwi l-ġudikant irid ikun dak li jqis jekk, fid-dawl tal-provi mressqa, verżjoni waħda jistax joqgħod fuqha aktar mill-oħra[9];

---

[1] App. Ċiv. **26.1.2018** fil-kawża fl-ismijiet ***Josephine Aġius vs Piju Theuma***
[2] App. Ċiv. **14.12.2018** fil-kawża fl-ismijiet ***Dott. Antoinette Cutajar vs L-Onor. Dr. Joseph Muscat – Prim Ministru et***
[3] App. Inf. JSP **12.1.2001** fil-kawża fl-ismijiet ***Hans J. Link et vs Raymond Merċieca***
[4] App. Inf. PS **7.5.2010** fil-kawża fl-ismijiet ***Emanuel Ellul et vs Anthony Busuttil***
[5] Art. 562 tal-Kap 12
[6] Art. 559 tal-Kap 12
[7] P.A. NC **28.4.2004** fil-kawża fl-ismijiet ***Frank Giordmaina Medici et vs William Rizzo et***
[8] P.A. LFS **18.5.2009** fil-kawża fl-ismijiet ***Log. Kurunell Gustav Caruana pro et noe vs Air Supplies & Caternig Co Ltd***
[9] Maġ. (Għ) AE **18.4.2007** fil-kawża fl-ismijiet ***John Baptist Spiteri vs Michael Calleja*** (mhix appellata)

14. Illi l-Qorti fliet sewwa l-provi li tressqu fl-atti ta' din il-kawża u ssib li, aktar milli ngħabu verżjonijiet konfliġġenti bejn naħa w oħra, jidher li l-kwestjoni li nħalqet ġrat minħabba li l-appellant kien qiegħed jagħti servizzi fl-istess ambjenti tal-lukanda lil żewġ entitajiet separati. Hi u miexja l-kawża, tqajjem il-punt jekk il-fatturi (jew uħud minnhom) maħruġa mill-appellant u li dwarhom qiegħed jitlob il-ħlas f'din il-kawża kinux l-istess fatturi li huwa talab il-ħlas tagħhom f'kawża oħra li tixbah lil din[10]. Din il-Qorti tgħid li kien jaqa' fuq l-appellata l-piż li turi liema kienu dawk il-fatturi li dwarhom intalab ħlas darbtejn f'din il-kawża u fl-oħra. Fit-tieni lok, din il-Qorti fliet il-fatturi mehmuża mar-Rikors li bih l-appellant fetaħ din il-kawża, qabblithom ma' dawk li l-appellata ssemmi f'Nota mressqa minnha fil-15 ta' Novembru, 2013[11], u sabet li l-ħlasijiet li dwarhom l-appellant qiegħed jitlob il-ħlas f'din il-kawża ma humiex dwar l-istess fatturi murija fl-imsemmija Nota. Fit-tielet lok, ma ngħabet l-ebda prova (li kienet taqa' wkoll fuq l-appellata) li l-fatturi li jsejsu t-talbiet tal-appellant ma kinux minnhom;

15. Illi l-Qorti tqis ukoll li d-difiża fil-mertu li ressqet l-appellata għat-talbiet tal-attur appellant kienet li r-rati mitluba mill-appellat kienu eżaġerati u li, f'kull każ, ma kien għad fadal l-ebda bilanċ dovut għaliex l-appellant kien tħallas għas-saldu. Hawnhekk ukoll, min-natura nnifisha ta' din l-eċċezzjoni, il-piż li tipprova dak eċċepit kien jaqa' fuq l-appellata, fuq is-saħħa tar-regola li *reus in excipiendo fit actor*. Fil-każ tallum, l-appellata ma wriet bl-ebda mod fejn dak li talab l-appellant kien eżaġerat jew lil hinn minn dak miftiehem jew aċċettat għal bosta snin, u wisq anqas kif sar il-ħlas li suppost qatel il-kreditu. Mill-prospetti mressqa miż-żewġ partijiet[12], u meta mqabbla ma' xulxin, hemm fatturi li dwarhom jingħad espressament kif sar il-ħlas, filwaqt li hemm sensiela oħra ta' fatturi – fosthom dawk li huma l-mertu ta' din il-kawża – fejn kulma jingħad hu "*paid on account*", bla ma ntwerew riċevuti jew provi tajba oħra li juru tabilħaqq li l-ħlas kien sar;

16. Illi f'dan ir-rigward, din il-Qorti jkollha tosserva li ma jagħmilx sens li l-appellata tgħid li ħallset għas-servizzi kollha li taha l-appellant, u fl-istess nifs tgħid li dak li qed jitlob il-ħlas tiegħu huwa eżaġerat. Il-Qorti ma tridx tisħaq iżżejjed fuq it-trattativi li għaddew bejn il-partijiet tul żmien konsiderevoli qabel u wkoll waqt il-mixi ta' din il-kawża, fejn kien qed jissemma ħlas lill-appellant biex jagħlaq il-kwestjoni darba għal dejjem, għaliex dan jista' jkun li sar bla preġudizzju. Madankollu, minn din il-ġrajja joħroġ fatt wieħed li ma tistax taħrab minnu, u jiġifieri li l-appellata setgħet kienet taf li l-pretensjonijiet tal-appellant ma kinux tassew saldati, kif issa qiegħda tippretendi;

[10] Rik. Nru. 538/12AE maqtugħa minn din il-Qorti fit-28.2.2020
[11] Paġġ. 171 sa 186 tal-proċess
[12] Qabbel dokumenti "SGA" f'paġġ. 53 – 7 tal-proċess mad-Dok "GE1", f'paġġ. 168 – 170 tal-proċess

17. Illi fid-dawl ta' dawn il-kostatazzjonijiet li kollha jinstiltu mill-atti tal-kawża, il-Qorti tasal għall-fehma li l-prova tal-kreditu saret mill-attur appellant fi grad tajjeb mistenni mil-liġi u kienet l-appellata li kien jaqa' fuqha l-piż li turi li dak il-kreditu ma kienx iżjed dovut. Kif intwera hawn fuq, il-Qorti ssib li kienet l-appellata li naqset li tressaq provi tajbin biżżejjed biex issostni dak li eċċepiet;

18. Illi ladarba ma sar l-ebda appell minn dik il-parti tas-sentenza li ċaħdet l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni, il-Qorti ma għandha għalfejn tagħmel l-ebda kunsiderazzjoni fir-rigward, ħlief li ttenni dak li qalet dwar eċċezzjoni bħal din fil-kawża l-oħra li kien fetaħ l-appellant u fejn l-appellanti f'dik il-kawża[13] kienet qajmet l-istess eċċezzjoni bla suċċess;

19. Illi fid-dawl ta' dawn il-kunsiderazzjonijiet, il-Qorti tasal għall-fehma li l-aggravju tal-appellant huwa mistħoqq u sejjer jintlaqa';

20. Illi kif ingħad qabel, ma ntwera bl-ebda mod li l-ammont mitlub mill-attur appellant fir-Rikors Maħluf kien ħażin jew li kien imħallas, u għalhekk, din il-Qorti tasal biex tilqa' għal kollox it-tieni u t-tielet talbiet attriċi;

***Decide:***

21. Għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi l-appell billi:

**Tilqa' l-appell** tal-attur bħala fondat fil-fatt u fid-dritt u b'hekk tħassar is-sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit-13 ta' Novembru, 2014, fil-kawża fl-ismijiet premessi, u filwaqt li tiċħad l-eċċezzjonijiet kollha tal-kumpannija appellata intimata;

**Tilqa' t-tieni talba attriċi** u ssib li l-kumpannija intimata għandha tagħti lill-attur appellant is-somma ta' mija u elf sitt mija u erbgħin euro u disgħa u sittin ċenteżmi (€ 101,640.69) import ta' servizzi mogħtijin minnu lill-istess kumpannija fuq medda ta' żmien;

**Tilqa' t-tielet talba attriċi** u tikkundanna lill-istess kumpannija intimata biex tħallas lill-attur appellant is-somma msemmija ta' mija u elf sitt mija

---

[13] App. Ċiv. **28.2.2020** fil-kawża fl-ismijiet ***Raymond Cutajar vs Grand Hotel Excelsior Ltd***

u erbgħin euro u disgħa u sittin ċenteżmi (€ 101,640.69), bl-imgħax legali fuq dik is-somma b'seħħ mis-16 ta' Marzu, 2012[14], sal-jum tal-ħlas effettiv; u

**Tikkundanna** lill-istess kumpannija intimata tħallas ukoll l-**ispejjeż** taż-żewġ istanzi.

**Moqrija**

| | | |
|---|---|---|
| **Joseph Azzopardi** | **Joseph R. Micallef** | **Tonio Mallia** |
| **Prim Imħallef** | **Imħallef** | **Imħallef** |

**Deputat Reġistratur**
**mb**

[14] Il-jum li fih l-intimata laqgħet in-notifika tal-ittra uffiċjali tat-13.3.2012 (Dok "SEB", f'paġ. 60 tal-proċess)